KUNSILL LOKALI SANTA VENRA

# Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2014

## Werrej


*Introduzzjoni*

*Il-Kunsill*

*Il-Ħidma tal-Kunsill*

*Konklużjoni*

# 1 Introduzzjoni

Ġejt maħtur bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Santa Venera fi Frar, 2014 fejn minn hemm bl-għajnuna tas-Sindku, tal-Vici Sindku, l-Kunsilliera, tal-Ħaddiema tal-Kunsill u tal-Membri tal-Kumitati u Sotto Kumitati bdejt bil-ħidma tiegħi b'risq il-komunita' Vendriża.

Nemmen illi bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill ta' Santa Venera kellu, matul 2014, għamel dak kollu li seta' sabiex jara illi Santa Venera tingħata l-ġieħ li jixraqilha, u kemm il-darba matul 2015 il-Kunsill jimxi fuq l-istess passi żgur li l-lokalita' u r-residenti qed ikunu qed jagħmlu pass ieħor lejn l-idejal.

L-2014 kienet sena illi matulha minbarra li ttieħdu diversi inizjattivi utli ġie ppjanat xogħol u saru diversi diskussjonijiet illi l-frott tagħhom ser jibda jidher matul s-snin li ġejjin.

L-akbar sfida li għandu l-Kunsill fis-snin li ġejjin hija bla dubju ta' xejn li jiżgura li jkompli joffri s-servizzi eżistenti filwaqt li jipprovdi servizzi oħra ġodda. Preżentament waħda mill-akbar żvantaġġi li l-Kunsill jaffaċċja ta' kuljum fl-operat tiegħu huwa l-uffiċċju amministrattiv għaliex ma huwiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' fiżika jew anzjani, filwaqt li ċ-ċokon tal-uffiċċini preżenti jfixklu xi ftit l-operat.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinsab viċin li jieħu f'idejh id-devoluzzjoni tal-art biswit il-Kumpless Umberto Calosso biex din tiġi żviluppata bħala Ċentru Ċiviku. B'hekk il-Kunsill qiegħed jaħdem bi sħiħ sabiex fis-snin li ġejjin f'din il-lokalita' jintroduċi iċ-Ċentru Ċiviku sabiex b'hekk nkunu f'pożizzjoni li diversi servizzi fosthom dawk edukattivi, soċjali u kulturali u b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jinqdew b'mod aħjar.

Bħal ma sar fl-2014 Il-Kunsill ta' Santa Venera huwa determinat li fis-snin li ġejjin jkompli jaħdem sabiex mhux biss jilħaq l-aspettattivi tar-residenti Vendriżi iżda jiżboq l-aspettativi tal-istess komunita'.

**Michael Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

# 2 Il-Kunsill

## 2.1 Il-Kunsill

Santa Venera skond l-aħħar reġistru elettorali maħruġ f'Ottubru, 2014 huwa raħal b'5,727 votant b'populazzjoni li tisboq is-7,000 ruħ. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera huwa kompost minn seba' kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-Parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentament immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, mgħejjun minn Uffiċjal Eżekuttiv u Skrivana. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb illi tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li mbagħad jiġu diskussi u deċiżi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

## 2.2 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| *Is-Sur Michael Mifsud** | *Segretarju Eżekuttiv* – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi riżorsi umani u relazzjonijiet mal-kostitwenti u ażjendi kummerċjali |
| *Is-Sur Lino Busuttil* | *Uffiċjal Eżekuttiv* – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-kostitwenti u ażjendi kummerċjali, permessi, ħlasijiet, ilmenti u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju. |
| *Is-Sinjorina Sharon Mifsud* | *Skrivana* – Responsabbli mir-relazzjonijiet mal-kostitwenti u ażjendi kummerċjali, ħlasijiet, sezzjoni finanzi, bulky u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju |

Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Borg | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| **Is-Sur Anthony Formosa | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sinjorina Maria Dolores Caruana | Employment & Training Corporation |
| Is-Sinjorina Brenda Attard | Employment & Training Corporation |
| Is-Sur Wayne Vassallo | Employment & Training Corporation |

**Is-Sur Michael Mifsud beda jaħdem mal-Kunsill Lokali minn Frar 2014 minflok is-Sur Ranier Busuttil, Aġent Segretarju li rritorna l-impjieg tiegħu fi Frar 2014*

***Is-Sur Anthony Formosa ġie trasferit mill-impjieg tiegħu mal-Kunsill Lokali matul l-2014*

## 2.3 L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsuma fuq din l-istruttra:



## 3. Il-Ħidma tal-Kunsill

### 3.1 Ħidma tal-Kunsill

Is-sena 2014, kienet sena mpenjattiva ħafna għall-Kunsill lokali ta' Santa Venera. Sena li matulha sar ħafna xogħol fil-lokalita' tagħna flimkien ma ippjanar ta' preparazzjoni sabiex matul is-snin li ġejjin naraw li xogħol siewi f'diversi oqsma jsir f'din il-lokalita'. Kienet sena illi matulha, minkejja d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom, ikkonkludejna diversi nizzjattivi illi l-frott tagħhom ser jidher matul is-snin li ġejjin.

Din is-sena u fis-snin li ġejjin il-Kunsill għandu sfida kbira fir-rqgward tal-finanzi dan minħabba l-fatt tal-Proġett tal-*Public Private Partnership (PPP)* fejn għandu diversi pagamenti fuq xogħolijiet li saru f'ħames toroq fejn l-istess pagamenti jridu jitħalsu fit-tlett snin li gejjin. Apparti dan kollu f'din is-sena il-Kunsill ħadem mal-Gvern Ċentrali sabiex il-Kunsill jingħata €75,000 li kienu *shortage* ta' dak ippjanat minħabba l-istimi baxxi ta' xogħolijiet li kienu ntbagħtu lill-Gvern qabel ma kien beda x-xogħol fejn parti minn Triq Misraħ il-Barrieri kellu jitwaqqaf minħabba din is-sitwazzjoni.

Minkejja d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom, il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera huwa ottimist illi Santa Venera ser tgħaddi minn perjodu ta' żvilupp konsiderevoli matul is-snin li ġejjin u fil-fatt qiegħdin nippjanaw illi nipparteċipaw f'numru ta' inizjattivi li l-Gvern qiegħed joffri permezz tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u kif ukoll ta' Dipartimenti oħra tal-Gvern.

### 3.2 Azzjoni Amministrattiva u Legali

Fl-2014, il-Kunsill ta' Santa Venera ħadem bi sħiħ sabiex azzjoni li kienet ittieħdet fl-amministrazzjoni tal-Kunsill preċedenti dwar il-Proġett tal-Youth "Move on, On Move" tiġi regolata. Il-Kunsill sab li kont bankarju kien infetaħ b'mod ħażin fuq terzi persuni. L-ewwel din il-problema ġiet diskussa bejn il-Kunsill ta' Santa Venera, l-EUPA u d-Dipartiment tal-Gevern Lokali. Wara l-Kunsill talab lit-terza persuna li kien qed jamminstra dan il-kont bankarju sabiex jippreżenta l-irċevuti fiskali kollha u bil-miktub jinforma lill-Kunsill li apparti minn dak li kien ippreżentat ma kienx hemm kontijiet oħra.

B'dan il-mod il-Kunsill flimkien mal-accountant seta' jevalwa l-irċevuti preżentati u rriżulta li l-irċevuti kienu konformi ma' dak mitlub. Fuq dan il-għan l-accountant ipprezenta "comfort letter" sabiex b'hekk il-Kunsill seta' jirrikonoxxa u japprova r-rapport konklussiv tal-EUPA.

Fid-dawl ta'dan kollu fl-2014, l-Kunsill b'mod legali u trasparenti kif rikjest fil-ligi solva din is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha.

Matul is-snin imgħoddija u fl-2014 kompliet il-kwistjoni dwar l-isem tal-bieb tar-roundabout ta' Wignacourt. Infatti l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera kellu jippreżenta protest ġudizjarju dwar ir-roundabout ta' Wignacourt kontra l-Kunsill Lokali ta' B'Kara.

F'Awwissu, 2014 wara li kemm is-smiegħ fil-Qorti ta' Malta, l-Qorti ddeċidiet li l-isem ta' din ir-roundabout għandu jkun "L-Arkata ta' Wignacort magħruf wkoll bħala l-Bieb ta' Fleur de Lys".

Barra minn dan kollu fl-aħħar xhur il-Kunsill ta' Santa Venera għamel ħafna tentattivi mal-Kunsill Lokali ta' B'Kara sabiex ix-xogħol li qiegħed isir f'din ir-roundabout jitlesta mill-aktar fiss possibbli minħabba li huwa ta' inkonvenjent għal Santa Venera. Qiegħed ikun previst mill-Kunsill Lokali konċernat li matul is-sena 2015 dan il-proġett ikun lest u jiġi nnawgurat.

## 3.3 Patching, Tabelli u Sinjali tat-Toroq

Il-Kunsill kompla l-ħidma tiegħu sabiex jara li tabelli tat-traffiku u s-sinjali tat-toroq ikunu kemm jista' jkun ta' gwida għar-residenti u dawk li jżuru l-lokalita'. Għal dan il-għan, matul l-2014, apparti li inbidlu tabelli u żdiedu tabelli ġodda fejn kienu meħtieġa, l-Kunsill bl-għajnuna tal-ħaddiema assejnati għamel madwar 94% refresh tas-sinjali tat-toroq.

Konxji mill-fatt illi diversi toroq fil-lokalita' m'humiex fi stat tajjeb f'dan ir-rigward, matul l-2014, il-Kunsill Lokali ħadem sabiex jara illi jsir patching fejn ikun hemm bżonn. Naturalment, il-Kunsill Lokali huwa ta' l-opinjoni illi ċerti toroq jinħtieġ illi jingħatalhom wiċċ ġdid, pero' minħabba limitazzjonijiet fir-riżorsi finanzjarji dan ma kienx possibbli. Għaldaqstant, permezz ta' din il-miżura, il-Kunsill Lokali ħaseb illi jista' jtejjeb xi ftit il-kwalita' tat-toroq fil-lokalita'.

Il-Kunsill Lokali, matul 2014 għamel xogħol ta' major patching f'partijiet minn Triq Pietru Dacoutros u Triq Emmanuel Attard. Il-Kunsill Lokali wettaq dan ix-xogħol wara li r-residenti kien ilhom snin jilmentaw dwar din l-inkonvenjenza li kienu qiegħdin isofru minnha.

Waħda mit-toroq illi kienet fi bżonn ta' azzjoni kienet Triq San Ġorġ parti minn Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq il-Kanun. Il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera strumentali sabiex permezz tal-fondi li nġiebu mir-Reġjun Ċentrali ssir it-triq u l-bankina ta' din il-parti ta' Triq San Ġorġ. Infatti wara li l-Kunsill ġab il-permessi mill-entitajiet konċernati tal-Gvern, ix-xogħol fi Triq San Ġorġ għandu jinbeda f'Jannar 2015.

Fl-2014 il-Proġett ta' Misraħ Santa Venera li sar bl-għajnuna tal-Urban Improvement Fund (UIF) tlesta wara li kellu jinbidel il-madum kollu ta' dan il-Misraħ minħabba l-fatt li l-ħsara tal-madum kienet evidenti u għaldaqstant il-madum il-griż u l-aħmar kellu jerġa' jsir mill-ġdid. Il-Ftuħ uffiċjali ta' Misraħ Santa Venera għandu jsir lejn nofs is-sena 2015.

Fis-sena 2014 il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għamel diversi diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex titlesta Triq il-Madonna tal-Karmnu. Wara diversi xhur ta' diskussjonijiet intlaħaq ftehim sabiex wara li l-Enemalta jgħaddu l-cables tad-dawl neċessarji Transport Malta kellhom ikomplu bil-proċess sabiex tinbena t-triq. Għaldaqstant huwa previst li matul is-sena 2105 din is-sitwazzjoni għandha tiġi riżolta u r-residenti ta' din it-triq ikollhom l-ambjent xieraq kif misthoqq lilhom.

## 3.4 Traffic Management

Matul is-sena 2014, il-Kunsill ħadem sabiex sar it-tibdil neċessarju tat-Traffic Mangement fi Triq Omnibus, Triq il-Blata l-Kaħla, Triq il-Franka, Triq is-Soll u Triq Misraħ il-Barrieri hekk kif ġie awtorizzat minn naħa ta' Transport Malta. Jidher ċar li mir-rispons li kellu l-Kunsill mingħand ir-residenti u kif ukoll mill-maġġoranza tal-ażjendi fl-inħawi kien wieħed pozittiv għajr għal operatur wieħed tant li nfetħet kawża fil-Qorti dwar dan it-tibdil.

## 3.5 Numerar tal-Lampi madwar Santa Venera

Il-Kunsill, wara li fl-2013 kien ħareġ tender sabiex isir in-numerar tal-lampi madwar Santa Venera, lesta il-proġett fejn kull lampa ġiet numerata b'materjal ta' kwalità u b'numru uniku. Dan il-proġett sar sabiex meta r-residenti jirrapportaw lampa bil-ħsara jkunu jistgħu jidentifikawlna n-numru tal-lampa u b'hekk l-istess rapport tal-ħsara mal-kuntrattur jsir darba. Dan il-proġett ġie jiswa lill-Kunsill madwar €10,000.

## 3.6 Edukazzjoni

Fis-sena 2014 il-Kunsill ħadem mill-qrib mal-iskejjel fil-lokal. Għall-ewwel darba din is-sena l-Kunsill ipparteċipa fil-Science Art Contest fejn is-Sindku f'isem il-Kunsill ta' Santa Venera ppremja student mill-iskola Primarja ta Santa Venera. Il-preżentazzjoni saret f'April, 2014 ġewwa l-MCAST. Apparti minn dan kollu il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ipparteċipa wkoll fil-prize day imtella' mill-iskola governattiva tal-Lokal fejn il-Kunsill ippremja diversi studenti.

Matul din is-sena fix-xhur ta' bejn Mejju u Ġunju, 2014 l-Kunsill ħadem mill-qrib mal-iskola Primarja ta' Santa Venera sabiex issir esibizzjoni artistika li l-istudenti tal-ħames sena għamlu fejn l-istess esebizzjoni ġiet esibita' għall-pubbliku ġewwa il-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill irrikonoxxa l-isforz u l-kapacitajiet ta' dawn l-istudenti għax xogħol tajjeb li kienu għamlu u fuq dan ir-rigward il-Kunsill ingħataw ċertifikat ta' tifkira.

Il-Kunsill ta' Santa Venera ħa l-inizzjattiva u nnegozja sabiex matul is-sena 2014 isiru korsijiet tal-kompjuters b'xejn. Infatti matul is-sena bl-għajnuna tat-TCTC il-Kunsill Lokali nieda dawn il-korsijiet għall-adulti fil-ħinijiet ta' filgħaxija u kif ukoll fis-sajf ipparteċipa fil-Kids Start fejn tfal bil-vaganzi tas-sajf setgħu jattendu fil-ħinjiet ta' filgħodu.

F'Mejju 2014 il-Kunsill applika sabiex jipparteċipa fl-iskema tal Gvern tal-Life Long Learning sabiex f'din il-lokalita' isir taħrig bażiku tal-lingwa Ingliża. Il-frott ta'din l-iskema ser tkun fl-2015 fejn mistenni li jibda l-kors għal dawk li kienu nteressati li jattendu.

Fl-aħħar tas-sena 2014 il-Kunsill beda jaħdem fil-qrib mal-Fondazzjoni Healthy Steps sabiex issir diskussjoni dwar l-ansjeta' fuq it-tfal u b'hekk inkunu t'għajnuna lejn ir-resdenti ta' Santa Venera sabiex ikunu jistgħu jifhmu aħjar lil uliedhom . Din id-diskussjoni hija ta' darba u mistennija ssir fil-bidu tas-sena 2015.

## 3.7 Saħħa

F'din is-sena l-Kunsill Lokali flimkien mad-Dipartiment tas-Saħħa ħa ħsieb sabiex isiru laqgħat ta' informazzjoni fuq dwar l-iscreening tal-musrana l-kbira u tas-sider. Dawn il-laqgħat saru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fejn ħafna anzjani ipparteċipaw għal din il-laqgħa informattiva. Matul is-sena ġew organizzati wkoll diskussjonijiet dwar is-saħħa mid-Dipartiment tal-Kura Primarja.

Din is-sena, bħas-snin preċedenti, il-Kunsill ħa ħsieb sabiex tingħata t-titqiba staġjonali tal-influwenza li ġiet pprovduta mid-Dipartiment tas-Saħħa għar-residenti li għandhom 'il fuq minn 55 sena.

## 3.8 Attivitajiet

L-attivitajiet, matul 2014 ma naqsux u l-Kunsill jemmen li dawn huma importanti għal diversi raġunijiet. Waħda minnhom hija li permezz tagħhom tkompli tibni s-sens komunitarju għaliex dawn iservu ta' opportunità biex wieħed jinvolvi ruħu fil-ħidma volontarja. Minbarra dan l-attivitajiet iservu biex jesponu l-karattru u l-patrimonju tar-raħal u wieħed japprezza ferm aktar il-wirt li jeżisti. Raġuni oħra hija li b'permezz tagħhom jiżdied aktar il-kummerċ.

F'Jannar 2014 il-Kunsill għamel Sports Day fejn saru tlielaq u diversi attivitajiet sportivi oħra. Nistgħu ngħidu li l-konkorrenza għal din l-attivita' kienet tajba fejn ipparteċipaw it-tfal ta' bejn is-7 u l-14 'il sena. Fl-aħħar ta' din l-attivita' kull parteċipant ingħata midalja kommerattiva.

F'April 2014 il-Kunsill organizza attivita' fi Triq Ġwann Azzopardi fejn kien hemm it-tberik tal-annimali, demostrazzjoni mill-klieb tal-pulizija u esibizzjoni tal-klieb u qtates mill-pubbliku. Fl'attivita' kien hemm l-għajnuna tal-għaqdiet favur il-ħarsien tal-annimali u l-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tar-raħal. Fl-aħħar ta'din l-attivita' l-parteċipanti ngħataw trophy ta' tifkira.

Għal Jum l-Omm l-Kunsill ħa ħsieb sabiex tiġi organizzata quddiesa u festin żgħir ġewwa Istitut Apap għall-anzjani. Din l-attivita' kienet akkumpanjata bil-parteċipazzjoni tas-Soċjeta'Filarmonika Santa Venera VM fejn ittella' kunċert żgħir mill-istess banda.

F'Ġunju l-Kunsill, bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, tella' l-attivita' Akkwadott Iffjurit li saret fi Triq il-Kbira San Ġużepp b'risq Puttinu Cares. Din l-attivita' saret sabiex dan ir-raħal jerga' jmur lura fis-snin l-imgħoddija fejn din il-lokalita' kienet imżewqa bil-ġmiel tan-natura. F'din l-attivita' ipparteċipaw ħafna kantanti u żeffiena u l-għaqdiet tar-raħal. Bl-għajnuna ta' kullhadd irnexxielna niġbru s-somma ta' €550 li kienu ġew ippreżentati lil Puttinu Cares.

Fl-Lulju l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, bil-parteċipazzjoni ta' Kumpanija Teatrali u diversi kantanti, ħa ħsieb sabiex għal żmien il-festa jorganizza attivita' li ġġib l-isem ta' **Varjeta' Vendriża** f'Misraħ Santa Venera. L-għan ta' din l-attivita' kienet sabiex ir-residenti u l-għaqdiet rispettivi jagħtu bidu għall-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Santa Venera.

F'Ottubru għal Jum l-Anzjani u Jum in-Nanniet, il-Kunsill Lokali ċċelebra dawn iż-żewġ avvenimenti b'quddiesa fil-preżenza tal-Eċċellenza tagħha il-President ta' Malta s-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca. Wara l-quddiesa kien hemm festin zgħir għall-Anzjani u n-Nanniet preżenti.

F'Diċembru l-Kunsill wara nuqqas ta snin, reġa ħa l-inizzjattiva sabiex jerġa' jibda jsir festin għat-tfal fil-Milied. Dan il-festin sar fil-bini amminstrattiv tal-Kunsill b'animazzjoni għat-tfal,ikel u xorb. Il-Kunsill iddeċieda li bħala rigal il-Kunsill għandu jirregala ktieb lil dawk li jattendu ħalli fl-istess ħin il-Kunsill ikun qiegħed jippromwovi l-importanza tal-qari lejn it-tfal.

## 3.9 Partecipazzjoni tal-Kunsill f'attivitajiet Lokali

Matul din is-sena il-Kunsill ikollabora mal-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju sabiex tiġi organiżżata serata għall-Eurovision Song Contest ġewwa Ġnien Romeo Romano.

Il-Kunsill Lokali pparteċipa f'attivititajiet konġunti mas-Soċjeta Filarmonika Santa Venera V.M f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-istess banda taħt il-patroncinju tal-President ta' Malta l-E.T is-Sinjura Marie Lousie Coleiro. Liema attivitajiet kienu l-kunċert li sar f' Santa Venera f'Mejju, 2014 u l-Kunċert li l-istess banda tellgħet fit-teatru Manoel f'Novembru, 2014.

Matul din is-sena 2014 il-Kunsill Lokali diga' beda jaħdem sabiex isiru attivitajiet oħra 2015, fejn fi Frar tas-sena 2015 ser issir attivita' Karnivaleska fit-Triq prinċipali ta' Santa Venera.

## 3.10 Twinning mal-Municipalita' ta' Kastorja il-Greċja

Din is-sena l-kunsill ħadem sabiex il-pjan tat-Twinning mal-Muniċipalita' ta' Kastorja il-Grecja flimkien ma erba' pajjiżi oħra Belgium, Franza, Italia u Portugal jitkompla. Il-Muniċipju ta' Kastorja fil-Greċja huwa l-pajjiż li qed imexxi l-progett. Infatti matul is-sena 2014 grupp ta' nies flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur Jonathan Brimmer u membri oħra tal-Kunsill għamlu l-ewwel żjara f'Kastorja il-Greċja.

Huwa kkonfermat li fil-bidu tas-sena 2015 ser issir z-zjara tat-twinning f'Santa Venera fejn il-Kunsill qiegħed jistieden lill-Għaqdiet tal-Lokal biex jippartecipaw u b'hekk nippromowvu l-identita' Santa Venera. Huwa maħsub li dan il-programm tat-Twinning jitlesta matul is-sena 2015. Il-Kunsill mhux ser jieqaf hawn għaliex diġà beda diskussjonijiet sabiex isiru programmi oħra simili bħal dan.

## 3.11 Inizzjattivi ohra

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera matul is-sena 2014 ipparteċipa għall-Wirja Nazzjonali tal-Ħortikultura li saret f'Mejju, 2014 billi ghamel qoffa mżejna bil-ħaxix Malti.

F'Settembru, 2014 il-Kunsill ta' Santa Venera ħaseb ukoll fuq l-azjendi tal-lokal billi flimkien mal- NGO **Nanniet Malta** stieden lis-sidien li għandhom in-negozju tagħhom f'Santa Venera għal "Working Lunch" fejn ingħatat informazzjoni ta' kif l-ażjendi jistgħu jibbenifikaw mill-fondi tal-UE.

F'Novembru, 2014 fil-bini amministrattiv tal-Kunsill bl-għajnuna ta' kumpanjia tal-fotografija saret preżentazzjoni dwar il-fotografija tal-ghasafar sabiex b'hekk ir-residenti li għandhom għal qalbhom l-għasafar setgħu jattendu.

Matul 2014 il-Kunsill ħa l-inizzjattiva sabiex isir kors għar-residenti nteressati ta' kif isiru d-dekorazzjonijiet tal-kejkijiet. Liema kors ser isir fl-2015 skont il-konkorrenza li l-Kunsill ser jirċievi.

## 3.12 Komunikazzjoni mar-residenti

Minkejja li b'limitazzjonijiet ta' riżorsi, il-komunikazzjoni mar-residenti baqgħet tingħata importanza kbira. Fl-2014 ma naqasx li l-Kunsill jisfrutta l-mezzi ta' komunikazzjoni moderni. Dan il-Kunsill ta' riċentament żviluppa l-paġna uffiċċjali fuq Facebook. Din il-paġna kompliet iżżid fil-popolarità u hija mezz kif isir kuntatt aktar faċli mall-pubbliku. Naturalment ninsabu 'l bogħod milli nkunu qed nolqtu lill-maġġoranza tar-residenti u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jaħdem ħalli aktar nies jagħmlu użu minnha.

Il-Kunsill biddel ukoll il-ħinijiet biex ikunu aktar konvenjenti għall-pubbliku sabiex b'hekk joffri s-servizzi kollha li wieħed jistenna mill-*front office desk.*

## 3.13 Tenders

Matul is-sena 2014 il-Kunsill ħareġ żewġ Tenders:

- **SVLC/T/01/2014 – Tender Peritali**

  Il-Kunsill ħareġ Tender peritali minħabba l-fatt it-Tender preċedenti kienet tiskadi fl-istess sena. Għal din it-tender il-Kunsill irċieva erba' applikazzjonijiet fejn wara li gew skrutinjati mill-bord tal-Aġġudikazzjoni l-istess bord irrakomanda lill-Kunsill li t-Tender Peritali għandha tingħata lir-Robert Sarsero Architects. Fil-31 laqgħa tal-Kunsill li saret fis-27 t'Ottubru 2014, is-Sindku ppropona din irrakomandazzjoni u l-membri tal-Kunsill qablu b'mod unanimu fuq din il-proposta.

- **SVLC/T/02/2014 – Tender tad-Dawl Dekorattiv tal-Milied.**

  Fl-2014 kienet għall-ewwel darba fejn il-Kunsill ħass il-ħtieġa sabiex għall- Triq il-Kbira San Ġużepp Milied tiġi mżejna b'dawl dekorattiv u b'hekk fir-raħal tinħoloq atmosfera natalizja. F'dan ir-rigward il-Kunsill ħareġ tender u l-Kunsill irċieva erba' applikazzjonijiet fejn wara li kienu skrutinjati mill-bord tal-Aġġudikazzjoni, l-istess bord irrakomanda lill-Kunsill li it-Tender għandha tingħata lil Clinton Debono. Fil-31 laqgħa tal-Kunsill li saret fis-27 t'Ottubru 2014, is-Sindku ppropona din irrakomandazzjoni u l-membri tal-Kunsill qablu b'mod unanimu fuq din il-proposta.

## 3.14 Jum Santa Venera

Matul l-2014 il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera żamm l-appuntament annwali tiegħu ta' l-14 ta' Novembru - Jum Santa Venera fejn din is-sena l-Kunsill irċieva sitt nominazzjonijiet u n-nominati għall-Ġieħ Santa Venera 2014 kienu s-Soċjeta' Filarmonika Santa Venera V.M, il-Klabb tal-Boċċi Santa Venera, is-Sinjorina Josette Zerafa, is-Sur Charles Scerri, is-Sur Frans Saliba u s-Sur Joe Vella. Wara li saret analiżi skont il-linji gwida, il-Kumitat b'mod unanimu rrakomanda lill-Kunsill li s-Sur Charles Scerri sabiex jirbaħ il-Ġieħ Santa Venera 2014. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakomandazzjoni. Waqt l-attivita' ta' Jum Santa Venera, sari r-rikonoxximent tal-Ġieħ u ngħata lis-Sur Charles Scerri.

## Konklużjoni

Naturalment huwa impossibbli li tagħti rendikont dettaljat ta' dak kollu li jkun sar u ġara fil-Kunsill iżda tajjeb li wieħed ifakkar li, apparti dan kollu msemmi fuq, il-kunsill, permezz tal-amministrazzjoni,qiegħed jimmaniġġja wkoll diversi kuntratti importanti ħafna u li fosthom hemm il-ġbir ta' skart, it-tindif, marki u sinjali ta' toroq, id-dwal tat-toroq u manutenzjoni tal-ġonna. Ninsab konvint però li b'dan kollu wieħed seta' jieħu idea ċara ta' kemm kienet kbira

l-ħidma tal-Kunsill matul din is-sena. Wieħed irid jifhem ukoll li l-Kunsill waħdu ma jista' jagħmel xejn u għalhekk, li kieku ma kienx għall-involviment ta' numru kbir ta' nies, ħafna minn dan ix-xogħol ma kienx jitwettaq. Lil dawn kollha l-Kunsill jirringrazzjahom għall-ħidma u l-inkoraġġiment tagħhom.

**Michael Mifsud**

**Segretarju Eżekuttiv**

**Stephen Sultana**

**Sindku**

**Ikkonfermati lum:** 13/02/2014